22003D0065

9.10.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 257/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 65/2003

tal-20 ta' Ġunju 2003

li temenda l-Anness I (Ħwejjeġ veterinarji u fiżjosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim fuq iż-ŻEE, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 31/2003 tal-14 ta' Marzu 2003 ([1]).

(2) Id-deċiżjoni tal-Kunsill 2000/766/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni dwar l-enċifalopatija sponġiformi li tista' tinxtered u l-għalf tal-proteini tal-annimali ([2]) għandu jiġi mdaħħal fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2001/9/KE tad-29 ta' Diċembru 2000 dwar miżuri ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru2000/766/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-enċifalopatija sponġiformi li tista' tinxtered u l-għalf tal-proteini tal-annimali ([3]).

([1]) ĠU L 137, tal-5.6.2003, p. 30.
([2]) ĠU L 306, tas-7.12.2000, p. 32.
([3]) ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 32.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/165/KE tas-27 ta' Frar 2001 li fir-rigward ta' proetini idrolizzzati teemnda id-Deċiżjoni Nru 2001/9/KE dwar miżuri ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/766/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-l-enċifalopatija sponġiformi li tista' tinxtered u l-għalf tal-protieni tal-annimali ([4]) għandu jkun inkluż fil-Ftehim.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2002/248/KE tas-27 ta' Marzu 2002 li temenda id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/766/KE u id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2001/9/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma l-enċifalopatija sponġiformi li tinxtered u l-għalf ta' proteini tal-annimali ([5]) għandu jkun mdaħħal f'da il-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tgħodd għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' L-ANNESS I għall-Ftehim għnadu jkun emendat kif ġej:

1. Dan il-pnt għandu jiġI mdaħħal wara punt 10 (Direttiva tal-Kunsill 90/167/KE) f'Parti 7.1:

"11. **32000 D 0766**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/766/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni dwar enċifalopatiji sponġiformi li jinxterdu u l-għalf ta' proteini tal-annimali (ĠU L 306,.12.2000, p. 32), kif emendat bil-:

– **32002 D 0248**: Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/248/KE tas-27 ta' Marzu 2002 (ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 71).

Dan l-att jgħodd ukoll għall-Islanda għal dawk l-oqsma koperti bl-atti speċifiċi li ghalihom hemm riferenza fil-paragradu 2 tal-parti introduttorja."

2. Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 15 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE, mħassar) f'Parti 7.2:

"16. **32001 D 0009**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/9/KE tad- 29 ta' Diċembru 2000 dwar miżuri ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/766/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-enċifalopatija sponġiformi li tinxtered l-għalf tal-proteini tal-annimali (ĠUO L 2, tal-5.1.2001, p. 32), kif emendat bil-:

– **32001 D 0165**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2001/165/KE tas-27 ta' Frar 2001 (ĠU L 58, tat-28.2.2001, p. 43),

– **32002 D 0248**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2002/248/KE tas-27 ta' Marzu 2002 (ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 71).

Dan l-att jgħodd ukoll għall-Islanda għal dawk l-oqsma li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 2 tal-parti introduttorja."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet Nri 2000/766/KE, 2001/9/KE, 2001/165/KE u 2002/248/KE fil-lingwa ta' l-Islanda u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([4]) ĠU L 58, tat-28.2.2001, p. 43.
([5]) ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 71.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2003, b'dan illi in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ZEEA ([1]).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hi indikata.